**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 171**
**It-Tlieta, 14 ta' Novembru, 2023 fl-4:00 p.m.**

**SKEJJEL - EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS**

**11222. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10365 dwar ir-rata *per capita* ta' educational psychologists f'kull Kulleġġ ta' skejjel, jista' l-Ministru jipprovdi n-numru (ratio) ta' kemm kien hemm educational psychologists *per capita* f'kull kulleġġ fis-sena skolastika 2022–2023?

22/08/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rata ta' educational psychologists tinħadem skont in-neċessità ta' kull kulleġġ u mhux *per capita*.

Seduta 171
14/11/2023

**SKEJJEL – EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS**

**11223. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 10364 u 10365, jista' l-Ministru jgħid u jiċċara x'inhi n-neċessità jew l-esiġenza ta' kull kulleġġ li fuqha tinħadem ir-rata ta' kemm għandu jkun hemm educational psychologists f'kull kulleġġ?

22/08/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din tinħadem skont kemm tfal jiġu riferuti minn kull kulleġġ.

Seduta 171
14/11/2023

**SKEJJEL - LISTA TA' STENNIJA GĦAL ASSESSJAR MINN EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS**

**11224. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 10016 u 10363, fejn il-Ministru qal li hemm 263 tfal jistennew għal assessment minn educational psychologist u li l-istennija ma ddumx aktar minn sena, jista' l-Ministru jagħtina x-xahar u s-sena ta' meta sar kull referral li hemm pendenti bħalissa sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/08/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn dakinhar 'l hawn l-ammont ta' tfal jistennew għal assessment minn educational psychologist niżel għal 206. Niġbed l-attenzjoni ta' l-Onor. Interpellant li kull każ irid jiġi evalwat b'mod sensittiv u bl-akbar professjonalita b'hekk l-informazzjoni mitluba ma tistax tiġi ppublikata.

Seduta 171
14/11/2023

**SKEJJEL – LISTA TA' STENNIJA GĦAL ASSESSJAR MINN EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS**

**11225. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 10364 u 10365, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jieħu biex il-lista ta' 263 tifel u tifla li qed jistennew għal assessment minn educational psychologist tiġi eliminata minnufih?

22/08/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li apparti li ser jiżdiedu n-numru ta psychology practitioners, is-Servizz Psikoloġiku għall-iskejjel qed jaħdem biex japplika metodi stabiliti fil-qasam tal-psikoloġija ta' assessjar u interventi varji. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li dawn il-metodi huma wkoll evidence-based.

Seduta 171
14/11/2023

**ASSISTENZA GĦAL DIŻABILTÀ SEVERA - DIĊEMBRU 2012 - SPIŻA**

**11278. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabiltà Severa f'Diċembru tal-2012 u kemm kienet l-ispiża?

05/09/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2012 kien ta' 2,368 bi spiża ta' €11.2m.

Seduta 171
14/11/2023

**ASSISTENZA GĦAL DIŻABILTÀ SEVERA - DIĊEMBRU 2013 - SPIŻA**

**11279. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabiltà Severa f'Diċembru tal-2013 u kemm kienet l-ispiża?

05/09/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li nnumru ta' benefiċjarji għas-sena 2013 kien ta' 2,428 bi spiża ta' €12m.

Seduta 171
14/11/2023

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI ALTERNATTIVA - KAŻIJIET**

**11391. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' applikanti li qegħdin jistennew akkomodazzjoni soċjali alternattiva u li għandhom każijiet marbuta ma' vjolenza domestika?

13/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar għandha 15-il applikazzjoni minn persuni li għandhom każijiet marbuta ma' vjolenza domestika. Barra minn hekk inżid ukoll li persuni li jkunu sfaw vittma ta' vjolenza domestika jieħdu benefiċċju tal-kera għola, filwaqt li l-Awtorità tad-Djar tħallsilhom l-ewwel depożitu.

Seduta 171
14/11/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR - PERSUNI MAQTUGĦA MIL-LISTA TA' STENNIJA**

**11392. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni nqatgħu mil-lista ta' stennija matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, xahar b'xahar, minħabba li dawn ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet u l-kriterji li titlob l-Awtorità tad-Djar?

13/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2022 sas-7 ta' Novembru 2023, l-Awtorità tad-Djar għalqet 362 applikazzjoni peress li ma kienux konformi mal-kundizzjonijiet u kriterji. Dawn huma maqsuma xahar b'xahar kif ġej:

| **Xahar** | **Total** |
|---|---|
| Jannar 2022 | 14 |
| Frar 2022 | 8 |
| Marzu 2022 | 17 |
| April 2022 | 9 |
| Mejju 2022 | 36 |
| Ġunju 2022 | 22 |
| Lulju 2022 | 16 |
| Awwissu 2022 | 11 |
| Settembru 2022 | 19 |
| Ottubru 2022 | 32 |
| Novembru 2022 | 12 |
| Diċembru 2022 | 18 |
| Jannar 2023 | 24 |
| Frar 2023 | 16 |
| Marzu 2023 | 48 |
| April 2023 | 13 |
| Mejju 2023 | 8 |
| Ġunju 2023 | 16 |
| Lulju 2023 | 6 |
| Awwissu 2023 | 2 |
| Settembru 2023 | 6 |
| Ottubru 2023 | 6 |
| Novembru 2023 | 3 |

Minkejja dan, l-Awtorità tad-Djar toffri skemi oħrajn bħall-Equity Sharing Scheme (ESS) u t-10% Deposit Scheme (DPS) fejn jista' jagħti l-każ li l-applikanti jkunu jikkwalifikaw għal dawn l-iskemi imma mhux għall-akkomodazzjoni soċjali.

Seduta 171
14/11/2023

**SUSSIDJU TAL-KERA - BENEFIĊJARJI**

**11393. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jieħdu s-sussidju tal-kera fil-mument taħt l-iskemi Rent Subsidy Scheme (RSS), Private Rented Sector (PRS) u Private Rent Housing Benefit Scheme (HBS)?

13/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-mument l-Awtorità tad-Djar għandha s-segwenti persuni li qed jieħdu s-sussidju tal-kera taħt l-iskemi Rent Subsidy Scheme (RSS), Private Rented Sector (PRS) u Private Rent Housing Benefit Scheme (HBS):

| | |
|---|---|
| Rent Subsidy Scheme (RSS) | 153 |
| Private Rented Sector (PRS) | 233 |
| Private Rent Housing Benefit Scheme (HBS) | 3,033 |

Grazzi għall-miżuri maġġuri mill-Baġit tas-sena d-dieħla fis-settur tal-akkomodazzjoni, il-benefiċċju tal-kera se jkun qed jiżdied għal sena oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**TQASSIM TA' POSTIJIET MIBNIJA ĠODDA**

**11394. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli:

13/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**DAR PAPA FRANĠISKU - IKLIET OFFRUTI B'XEJN**

**11395. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal:

13/09/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 171
14/11/2023

**STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAT-TNAQQIS TAL-FAQAR U L-INKLUŻJONI SOĊJALI - MIŻURI**

**11396. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk bdewx it-tħejjijiet għall-Istrateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Inklużjoni Soċjali, peress li dik preżenti turi li l-miżuri ppjanati kienu għas-snin 2014 sas-sena 2024?

13/09/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, iktar kmieni din is-sena beda x-xogħol fuq l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Inklużjoni Soċjali: 2025-2035.

Diġa' saru numru ta' laqgħat bi-laterali ta' pre-konsultazzjoni ma' numru ta' partijiet interessati ewlenin. Dawn il-laqgħat mistennija li jiġu fit-tmiemhom sal-aħħar ta' din is-sena. Il-laqgħa ġenerali ta' pre-konsultazzjoni iktar wiesa' mistennija isseħħ fl-ewwel kwart tal-2024.

Twaqqaf ukoll kumitat ta' tmexxija (Steering Committee) li se jkollu rwol aktar tekniku fid-disinn u l-abbozzar tal-iStrateġija Nazzjonali 2025-2035.

Seduta 171
14/11/2023

**ĦAL TARXIEN - TRIQ KARLU MARATTA - XOGĦLIJIET**

**12447. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru ġewwa Triq Karlu Maratta, Ħal Tarxien u senjatament jekk huwiex minnu li hemm xi tappieri li huma ssiġillati kompletament?

17/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 171
14/11/2023

**ĦAL TARXIEN - TRIQ KARLU MARATTA - XOGĦLIJIET**

**12448. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru ġewwa Triq Karlu Maratta, Ħal Tarxien u senjatament jekk huwiex minnu li hemm xi tappieri li huma ssiġillati kompletament?

17/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 171
14/11/2023

**ĦAL TARXIEN - TRIQ KARLU MARATTA - XOGĦLIJIET**

**12449. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru ġewwa Triq Karlu Maratta, Ħal Tarxien u senjatament jekk huwiex minnu li hemm xi tappieri li huma ssiġillati kompletament?

17/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12446.

Seduta 171
14/11/2023

**IL-BELT VALLETTA - TEATRU RJAL - KUNTRATTI**

**12716. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti hemm relatati mal-binja tat-Teatru Rjal, bħal konċessjonijiet, kirjiet ta' faċilitajiet bħal kafetteriji, ristoranti jew bars, u jqiegħed kopji ta' kull kuntratt fuq il-Mejda tal-Kamra?

24/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 171
14/11/2023

**STATISTIKA DWAR IMWIET**

**12799. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni ta' nazzjonalità Maltija li mietu f'dawn l-aħħar erba' snin, maqsuma sena b'sena?

27/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-numru ta' persuni ta' nazzjonalità Maltija li l-mewt tagħhom kienet irreġistrata mar-Reġistru Pubbliku ta' Malta jew mar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex fl-aħħar erba' snin huma kif ġej:

| | MALTA | GĦAWDEX | TOTAL |
|---|---|---|---|
| 2020 | 3,663 | 268 | 3,931 |
| 2021 | 3,680 | 311 | 3,991 |
| 2022 | 3,711 | 281 | 3,992 |
| 2023 | 2,699 | 215 | 2,914 |

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12858. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12859. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12860. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Ġustizzja u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont f'reklamar fuq is-sit soċjali ta' Facebook, fil-perjodu mitlub, mill-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ġustizzja kien ta €1,017.74 mill-Aġenzija għall-Irkupru tal-Assi biss.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12861. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Anzjanità Attiva u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Anzjanità Attiva nefaq €199.42 f'reklamar fuq is-sit soċjali ta' Facebook.
L-entitajiet m'għamlux ħlasijiet għall-informazzjoni fuq il-midja soċjali.

Seduta 171
14/11/2023

**QALA - TRIQ IT-28 TA' APRIL 1688 - XOGĦLIJIET**

**12870. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta nbdew ix-xogħlijiet mill-Kunsill Lokali Qala fuq Triq it-28 ta' April 1688 ġewwa l-Qala, Għawdex? Jista' jagħti timeframes ta' meta ħa jitlestew ix-xogħlijiet kollha fuq din it-triq u jgħid meta se terġa' tinfetaħ għall-pubbliku?

30/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Qala li x-xogħolijiet fi Triq it-28 ta' April 1688 bdew fil-25 ta' Awwissu 2023. Intant infurmat li fir-rigward tal-iskadenzi, huwa previst illi dawn ix-xogħolijiet jiġu fi tmiemhom sal-ewwel kwart tas-sena 2024.

Seduta 171
14/11/2023

**QALA - TENDER FOR CULVERT AND ASPHALT ROAD WORKS AT TRIQ IL-KUNCIZZJONI, QALA, GOZO QLLC/04/2019**

**12871. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għal kemm kienet ġiet awarded it-tender 'Tender for culvert and asphalt road works at Triq il-Kunċizzjoni, Qala, Gozo' QLLC/04/2019mill-Kunsill Lokali Qala? Jista' jgħid ukoll meta tlestew ix-xogħlijiet relatati ma' din is-sejħa u kemm kienu jammontaw il-varjazzjonijiet fuq din is-sejħa u min approvhom? Jista' jgħid ukoll jekk fadalx kontijiet pendenti fuq din it-tender u jekk iva meta u kif ħa jitħallsu?

30/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Qala li t-Tender relattiv (Ref QLLC/04/2019) ġie awarded għas-somma ta' €223,914.36 (VAT eskluż).

Intant infurmat ukoll illi dawn ix-xogħlijiet intemmu fil-bidu tas-sena 2022 u jirrizulta li għad fadal xi kontijiet li jridu jiġu verifikati mill-Perit inkarigat mill-proġett.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ĦADDIEMA**

**12872. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema (kemm tal-Gvern, skema, kuntrattur jew b'kuntratt) li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu jew entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, li jaħdmu fuq it-tindif uż-żamma ta' stat tajjeb tal-bajjiet ġewwa Għawdex? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-grad ta' dawn il-persuni u kif inhuma mqassmin f'kull bajja li hemm f'Għawdex?

30/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 119 ħaddiem li jagħmlu xogħol ta' tindif u li jżommu fi stat tajjeb 13-il bajja madwar Għawdex u Kemmuna. Qed inpoġġi tabella fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 171
14/11/2023

**GĦAWDEX - MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA**

**12873. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fl-uffiċċju tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ġewwa Għawdex u f'liema grad huma?

30/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**PJANIJIET LOKALI TA' MALTA U GĦAWDEX – PROĊESS TA' REVIŻJONI**

**12874. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6083(tat-Tlettax-il Leġislatura li ġiet imwieġba fit-13 ta' Ġunju 2018) u 8737 dwar fiex wasal il-proċess biex jiġu riveduti l-Local Plans ta' Malta u Għawdex, fejn dakinhar kien ġie mwieġeb li "x-xogħol fuq ir-reviżjoni komprensiva tal-Pjanijiet Lokali kollha għal Malta u Għawdex kompla għaddej u issa qed ikun hemm focus fuq numru ta' issues li huma ta' natura aktar strateġika u li jinħtieġ ġbir ta' aktar informazzjoni u evalwazzjoni ta' options differenti u li l-Awtorità tal-Ippjanar għaddejja bi studji varji, meħtieġa għal reviżjoni tal-Local Plans", jista' l-Ministru jgħid x'sar f'dawn is-snin u jekk il-Local Plans ta' Malta u ta' Għawdex humiex se jiġu riveduti matul is-sena 2023/2024?

30/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq ir-reviżjoni komprensiva tal-Pjanijiet Lokali kollha għal Malta u Għawdex għadu għaddej.

Seduta 171
14/11/2023

**BELT VALLETTA – INFURZAR FIS-SIGURTÀ**

**12927. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk żdiedux l-uffiċjali tal-Pulizija u r-rondi regolari madwar il-Belt Valletta kollha hekk kif titlob is-Sigurtà Nazzjonali?

31/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12925.

Seduta 171
14/11/2023

**QRATI – EMENDI FIL-LIĠI B'RABTA MAS-SALARJU TAL-ĦADDIEM**

**12928. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Fid-dawl tas-sentenzi li ngħataw mill-qrati ta' pajjiżna li s-salarju tal-ħaddiem, ladarba jiġi depożitat f'kont bankarju, ma jibqax aktar protett u allura kollox isir sekwestrabbli, jista' l-Ministru jara li jsiru l-emendi legali neċessarji sabiex dan jinbidel?

31/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 171
14/11/2023

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – IMPLIMENTAZZJONI TA' RAKKOMANDAZZJONI**

**12929. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għar-rapport tal-Uffiċċju tal-Ombudsman bin-numru CEDUC-22-2982, jista' l-Ministru jgħid meta r-rakkomandazzjoni f'dan ir-rapport se tiġi implimentata?

31/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rakkomandazzjoni mhux se tkun implimentata għar-raġunijiet li l-Ministeru diġa għadda lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni.

Seduta 171
14/11/2023

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – IMPLIMENTAZZJONI TA' RAKKOMANDAZZJONI**

**12930. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għar-rapport tal-Uffiċċju tal-Ombudsman bin-numru CEDUC-23-3507, jista' l-Ministru jgħid meta r-rakkomandazzjoni f'dan ir-rapport se tiġi implimentata?

31/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għadhom għaddejin diskussjonijiet interni dwar dal-każ.

Seduta 171
14/11/2023

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ - KULLEĠĠ SAN INJAZJU - KAPIJIET TAL-ISKOLA**

**12993. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12152 u 12517 u jgħid fl-aħħar tliet snin kemm-il Kap tal-Iskola differenti kienu inkarigati mit-tmexxija tal-Kulleġġ San Injazju Ħaż-Żebbuġ Primary?

02/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**SKEMA 'BUSINESS DEVELOPMENT' – BORD**

**13068. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta ltaqa' l-bord li jiddeċiedi fuq applikazzjonijiet tal-iskema 'Business Development' fis-sena 2023?

03/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13067, ninsab infurmata li l-Bord tal-Korporazzjoni jiltaqa' mill-inqas darba f'xahar. Din is-sena l-Bord iltaqa' fl-10 ta' Jannar; 7 ta' Frar; 6 ta' Marzu; 13 ta' Marzu; 4 t'April; 4 ta' Mejju; 13 ta' Ġunju; 4 ta' Lulju; 8 t'Awissu; 5 ta' Settembru; 10 t'Ottubru; 26 t'Ottubru u 7 ta' Novembru.

Seduta 171
14/11/2023

**PERSUNI TA' NAZZJONALITÀ BARRANIJA REĠISTRATI F'PAJJIŻNA**

**13069. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11659 u jelenka n-numru ta' persuni ta' nazzjonalità barranija li hawn reġistrati f'pajjiżna? Jista' l-Ministru jelenka kemm-il persuna hawn f'Malta maqsuma għal kull pajjiż u kemm huma nisa u kemm huma rġiel?

03/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12732.

Seduta 171
14/11/2023

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN - PROJECT GREEN**

**13089. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12592, jista' l-Ministru jgħid għaliex ma kienx hemm kunsultazzjoni mal-ħwienet li hemm fi Triq in-Naxxar, mil-Lombard Bank sal-Knisja u lanqas ma kien hemm konsultazzjoni mal-ħwienet fi Vjal ir-Riħan, quddiem l-iskola tal-Gvern?

03/11/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann illi l-laqgħat pubbliċi ikunu miftuħa għar-residenti, il-ħwienet, is-settur kummerċjali, għaqdiet, kif ukoll l-istakeholders kollha.

Seduta 171
14/11/2023

**DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI – ILMENT MINN RESIDENTI**

**13090. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12313 li oriġinarjament saret lill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u ċjoè: B'referenza għal ilment li sar erba' xhur ilu minn numru ta' residenti lid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali (Sanità) bit-tracking number 2351/2023, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan l-ilment u t-tweġiba għalih?

03/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali jieħu l-passi skont il-liġi meta jiġi mgħarraf mill-Aġenzija kompetenti li l-livell ta' ċertu sustanzi fl-arja ikunu qabżu l-livelli aċċettabli.

Seduta 171
14/11/2023

**ERA - RAPPORTI DWAR IRWEJJAĦ TA' TARMAK JEW QATRAN MINN IMPJANT**

**13091. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12312, dwar rapporti minn residenti ġewwa l-Iklin, il-Għargħur, San Ġiljan u San Ġwann lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar irwejjaħ ta' tarmak jew qatran minn impjant li jinsab fil-viċinanzi u li d-dettalji tiegħu qegħdin jintbagħtu separatament, jista' l-Ministru jgħid jekk l-istess impjant indikat huwiex konformi mal-kundizzjonijiet tal-permessi maħruġa?

03/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li,l-impjant tal-Asphalt tal-Bitmac ilu jopera sa mis-snin sittin, b'referenza għall-permess PB1898/64. L-impjant huwa ukoll viżibbli fuq il-pjanti tal-1968 (survey sheets) li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. L-attività u l-produzzjoni tal-asphalt f'dan is-sit għall-finijiet ta' liġi tal-Ippjanar hija waħda koperta b'permess.

Seduta 171
14/11/2023

**BUS SHELTERS**

**13104. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ipprogrammat xi xogħol biex isiru bus shelters peress li jidher li hawn bosta postijiet li m'għandhomx?

06/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11076.

Seduta 171
14/11/2023

**SERVIZZI TAD-DAWL FIT-TOROQ**

**13116. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12655, tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u telenka u tipprovdi l-lista tat-toroq fejn saru s-servizzi tad-dawl u linji minn taħt l-art?

07/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' toroq li fihom l-Enemalta għamlet sistemi ġodda għad-distribuzzjoni tal-elettriku taħt l-art, bidlet, estendiet jew tejbet sistemi eżistenti, bejn Ġunju 2020 u Novembru 2023.

Seduta 171
14/11/2023

**SERVIZZI TAD-DAWL FIT-TOROQ**

**13117. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12656 fejn il-Ministru rreferietni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12655, peress li f'din it-tweġiba m'hemmx l-informazzjoni mitluba, tista' l-Ministru tipprovdi lista tat-toroq li fihom huwa ppjanat li se jingħaddew is-servizzi tad-dawl u linji minn taħt l-art fis-sena li ġejja?

07/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Kif wieħed jista' josserva fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13116, ix-xogħol tal-Enemalta biex tagħmel sistemi ġodda għad-distribuzzjoni tal-elettriku taħt l-art u tibdel, testendi jew ittejjeb sistemi eżistenti fit-toroq, huwa wieħed kontinwu. Enemalta tikkordina m'entitajiet oħrajn konċernati sabiex isir dan ix-xogħol skont l-esiġenzi tas-servizz.

Seduta 171
14/11/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - BAĠIT 2024 - SPIŻA FUQ REKLAMAR**

**13118. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12904 u jagħti rendikont totali tal-ispiża ta' reklamar u propaganda li saret mill-Gvern wara d-diskors tal-bagit, li sar nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru 2023, b'rabta mal-Baġit 2024?

07/11/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub qed jinġabar.

Seduta 171
14/11/2023

**OPERATURI TA' SERVIZZI TA' TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI U KIRI TA' VETTURI - LIĊENZJI MAĦRUĠA**

**13119. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12906 u jgħid kemm-il Liċenzja ta' Operatur (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) inħarġet mill-2019 sal-ġurnata li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari u jaqsam l-informazzjoni sena b'sena?

07/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja daħlet fis-seħħ f' Settembru tas-sena 2020. Għalhekk it-tabella li ssegwi turi l-ammont ta' liċenzji ta' operatur li ħarġu minn Settembru 2020 sat-8 ta' Novembru 2023 maqsumin sena b'sena.

| Numru Total ta' Liċenzji ta' Operatur Maħruġa | Sena li Ġew Maħruġa l-Liċenzji |
|---|---|
| 58 | 2020 |
| 1,086 | 2021 |
| 1,365 | 2022 |
| 629 | 2023 |

Seduta 171
14/11/2023

**BINJA TAL-ACUTE MENTAL HOSPITAL ĠDID - IFFINANZJAR**

**13154. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kif ser jiffinanzja l-proġett tal-binja tal-Acute Mental Hospital ġdid, li kien imwiegħed sena wara sena fil-baġits u minħabba li fil-baġit ta' din is-sena lanqas issemma u ma jidhrux flus ta' investiment kapitali għalih?

07/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-fatt fil-baġit ta' din is-sena hemm line item bil-vot ta' tliet miljun, sitt mija u sittin elf Euro bit-titlu Acute Psychiatric Hospital. Ninformaħ ukoll illi ħaddejjin diskussjonijiet għall-użu ta' fondi Ewropej f'dan il-proġett.

Seduta 171
14/11/2023

**BINJA TAL-MOTHER AND BABY CLINIC/CENTRE/HOSPITAL ĠDID - IFFINANZJAR**

**13155. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kif ser jiffinanzja l-proġett tal-binja tal-Mother and Baby Clinic/centre/hospital ġdid, li kien imwiegħed qrib Mater Dei għal diversi snin, minħabba li fil-baġit ta' din is-sena lanqas issemma u ma jidhrux flus ta' investiment kapitali għalih?

07/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13153.

Seduta 171
14/11/2023

**PROĠETT TAR-ROBOTIKA - IFFINANZJAR**

**13156. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kif ser jiffinanzja l-proġett tar-robotika, minħabba li fil-baġit ta' din is-sena lanqas issemma u ma jidhrux flus ta' investiment kapitali (budget item 7402)?

07/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-investiment kapitali fuq dan il-proġett diġà sar.

Seduta 171
14/11/2023

**INFECTIOUS DISEASE UNIT - IFFINANZJAR**

**13157. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kif ser jiffinanzja l-proġett tal-Infectious Disease Unit, minħabba li fil-baġit ta' din is-sena ma jidhrux flus ta' investiment kapitali (budget item 7402)?

07/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illil-proġett tal-High Degree Isolation Unit (Infectious Disease) tlesta fl-2021.

Seduta 171
14/11/2023

**BAĠIT 2024 - END OF LIFE EQUIPMENT**

**13158. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex naqqas il-baġit bħala investiment kapitali 'end of life equipment' (budget item 7402) minn 3 miljuni għal 2 miljuni fis-sena? Jista' jgħid ukoll fiex ser ikun qed jonfoq dawn il-flus?

07/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi nvestiment fuq apparat mediku li jkun wasal għal End of Life huwa investiment kontinwu u ħafna minnu sar fis-snin li għaddew.

Seduta 171
14/11/2023

**SETTUR TAS-SAĦĦA - TNAQQIS TA' INVESTIMENT**

**13159. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex l-investiment kapitali fis-settur tas-saħħa naqas minn €4,670,000 għal €2,060,000?

07/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illil-vott kapitali fis-settur tas-saħħa din is-sena huwa wieħed rekord ta' €81 miljun.

Seduta 171
14/11/2023

**ANIMAL WELFARE GOZO**

**13167. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Animal Welfare Gozo taqax taħt il-Ministeru tiegħu?

07/11/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Animal Welfare Gozo ma jaqax taħt il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Seduta 171
14/11/2023

**ANIMAL WELFARE GOZO – RWOL TA' MANAGER**

**13168. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex m'hemm ħadd jokkupa l-irwol ta' manager ġewwa l-Animal Welfare Gozo u x'qed isir biex dan l-irwol f'din l-entità jimtela?

07/11/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13167.

Seduta 171
14/11/2023

**ANIMAL WELFARE GOZO – SERVIZZ GĦAL ANNIMALI MIĠBURA**

**13169. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għadux qed jingħata attenzjoni u servizz mediku 24/7 lill-annimali li jinġabru mill-Animal Welfare Gozo u jindika liema kliniċi qed jagħtu dan is-servizz? Jista' jgħid ukoll fejn qed jinżammu dawn l-annimali wara li jiġu misjuba?

07/11/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13167.

Seduta 171
14/11/2023

**ANIMAL WELFARE GOZO - ĦADDIEMA**

**13170. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fil-unit tal-Animal Welfare Gozo u x'inhu l-irwol tagħhom?

07/11/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13167.

Seduta 171
14/11/2023

**ANIMAL WELFARE GOZO**

**13171. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid f'din l-aħħar sena;
a. kemm instabu annimali midruba ġewwa Għawdex;
b. kemm minnhom ġew salvati;
ċ. kemm minnhom ġew addottati; u
d. kemm fondi ġew allokati għall-unit tal-Animal Welfare Gozo?

07/11/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13167.

Seduta 171
14/11/2023

**BENEFIĊĊJI SOĊJALI – PERSUNI AKKUŻATI**

**13177. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni ġew akkużati l-Qorti b'rabta mal-abbuż fl-għoti tal-Benefiċċji ta' Diżabilità Severa, sal-ġurnata li fih tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

07/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fis-sena 2023 l-ammont ta' persuni mressqa huwa ta' 184.

Seduta 171
14/11/2023

**BENEFIĊĊJI SOĊJALI - PERSUNI AKKUŻATI**

**13178. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni ġew akkużati l-Qorti b'rabta mal-abbuż fl-għoti tal-Benefiċċji ta' Diżabilità Severa, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

07/11/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 171
14/11/2023

**UNIVERSITÀ AMERIKANA TA' MALTA (AUM) - LIĊENZJA**

**13181. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzji u l-estensjonijiet li ngħataw lill-American University of Malta (AUM) bejn l-2016 u l-2023, li fihom jintwerew il-kundizzjonijiet imposti fuq l-AUM mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE)?

07/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**PERSUNI LI ĠEW BOARDED OUT**

**13190. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11764 u 12658, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, rispettivament u jgħid kemm-il persuna ġiet boarded out f'dawn l-aħħar tliet snin, u jagħti din l-informazzjoni sena b'sena?

08/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed ikun indikat fit-tabella t'hawn taħt:

| **Sena** | **Numru ta' każijiet ġodda għal Pensjoni tal-Invalidità** |
|---|---|
| **2021** | 305 |
| **2022** | 288 |
| **2023 (sal-aħħar t'Ottubru 2023)** | 203 |

Seduta 171
14/11/2023

**TAL-PIETÀ - ŻONA QUDDIEM L-ISPTAR SAN LUQA - FTEHIM DWAR MANUTENZJONI**

**13191. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12481 u 12771, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u lill-Ministru għat-Turiżmu rispettivament, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim li hemm dwar manutenzjoni taż-żona quddiem l-Isptar San Luqa f'Tal-Pieta?

08/11/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Pieta`li fi Pjazza San Luqa għad fadal xi xogħlijiet minuri li għad iridu jsiru. Barra minn hekk, infurmat li l-Kunsill għadu kif għażel l-offerta ta' min se jkun qed jieħu il-kafetterija u b'hekk din iż-żona, fil-jiem li -ġejjin, ser tkun qed tiġi amministrata aħjar.

Intant infurmat li preżentament, il-Kunsill Lokali qiegħed jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-Pjazza.

Seduta 171
14/11/2023

**FORTI RICASOLI – ĦLAS GĦAL KIRI**

**13198. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm (l-ammont globali) ħallset il-kumpanija li informazzjoni dwarha qed jingħataw separatament biex jinżamm il-Forti Ricasoli minn mindu beda jintuża sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u għal kemm ġranet ġie mħallas dan l-istess ammont s'issa?

08/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba, relatata mażżamma u l-użu ta' Forti Ricasoli, hija kummerċjalment sensittiva u għaldaqstant ma tistax tingħata.

Seduta 171
14/11/2023

**AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI**

**13203. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12980 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra, li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

08/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**KAWŻI TA' MWIET F'MALTA**

**13204. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11788, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istatistika ta' mwiet għas-sena 2022 issa li din is-sena qed toqrob lejn tmiemha?

08/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11788.

Seduta 171
14/11/2023

**KLABB 3-16 – ĦINIJIET**

**13211. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jitnaqqsu l-ħinijiet preżentement offruti għall-Klabb 3-16?

08/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda ntenzjoni li jitnaqqsu l-ħinijiet offruti preżentament minn Klabb 3-16.

Seduta 171
14/11/2023

**BREAKFAST CLUB - ĦINIJIET**

**13212. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jitnaqqsu l-ħinijiet preżentement offruti għall-Breakfast Club?

08/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda ħsieb li l-ħin tal-Breakfast Club jitnaqqas.

Seduta 171
14/11/2023

**SKEJJEL STATALI, TAL-KNISJA U TAL-PRIVAT – LAPTOP GĦALL-ISTUDENTI TAS-7 SENA**

**13213. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jingħataw il-laptop dawk l-istudenti (fl-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u tal-Privat) li tul din is-sena skolastika jinsabu fis-7 sena skolastika?

08/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif diġa ġie mħabbar, dawn ser jitqasmu matul din is-sena skolastika.

Seduta 171
14/11/2023

**SKEJJEL STATALI, TAL-KNISJA U TAL-PRIVAT – LAPTOP GĦALL-ISTUDENTI TAT-8 SENA**

**13214. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux l-istudenti kollha (fl-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u tal-Privat) li tul din is-sena skolastika jinsabu fit-8 sena, ħadux il-laptop matul is-sena skolastika li għaddiet?

08/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2673.

Seduta 171
14/11/2023

**LAPTOP - GĦALLIEMA U EDUKATURI**

**13215. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema u edukaturi oħrajn (ingaġġati issa jew le) li għadhom qed jistennew li jingħataw laptop għall-użu tal-professjoni?

08/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa m'hemm l-ebda għalliem jew edukatur li qegħdin jistennew li jingħataw laptop. Infurmat ukoll li kull għalliem jew edukatur li għandu laptop eqdem minn ħames snin, ġew infurmati permezz ta' email biex jiġbor laptop ġdid.

Seduta 171
14/11/2023

**POLICY DWAR LOCKERS FL-ISKEJJEL**

**13216. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx politika ġenerali li tirregolarizza l-użu tal-lockers fl-iskejjel, id-depożiti mitluba, meta jintalbu u kif jingħataw lura?

08/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru jemmen li l-iskejjel fil-Kulleġġi rispettivi tagħhom, għandhom ikollhom element t'awtonomija. Kull skola tfassal il-politika tagħha li tirregolarizza l-użu tal-lockers fl-iskejjel, id-depożiti mitluba, meta jintalbu u kif jingħataw lura.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13232. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

08/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 184.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13233. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

08/11/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 20995 tal-Leġiżlatura XII.

(Korrezzjoni: Ara Dokument li tpoġġa f'Seduta 172, nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13234. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

08/11/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust), fil-Ministeru, hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13235. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

08/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 188.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13236. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

08/11/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20996 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODOZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13237. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

08/11/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20994 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 171
14/11/2023

**SWATAR - SPTAR PSIKJATRIKU ĠDID - KUNTRATT**

**13308. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid b'liema kundizzjonijiet l-Awtorità tal-Artijiet għaddiet lill-awtoritajiet tas-saħħa, l-medda ta' art li se tintuża biex jinbena sptar psikjatriku ġdid fis-Swatar, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim/kuntratt li permezz tiegħu sar dan it-trasferiment?

08/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 171
14/11/2023

**VETTURI ELETTRIĊI - MECHANICS/ELECTRICIANS**

**13309. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hawn mechanics/electricians reġistrati li jaċċettaw xogħol ta' tiswija ta' vetturi elettriċi f'pajjiżna? Tista' tgħid ukoll jekk il-Gvern huwiex imħasseb dwar il-possibbiltà li ma jkunx hawn biżżejjed mechanics biex ilaħħqu mad-domanda fil-futur qarib?

08/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministru konċernat.

Seduta 171
14/11/2023

**ATTARD - TRIQ IL-LINJA - XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**13310. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta beda x-xogħol infrastrutturali fi Triq il-Linja, Ħ'Attard u jagħti rendikont tax-xogħol li sar u li fadal isir, u jgħid meta huwa previst li jitlesta x-xogħol?

08/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq il-Linja, Ħ'Attard, beda f'Marzu li għadda. Ix-xogħlijiet li tlestew s'issa jinkludu s-sostituzzjoni tal-provvista tal-ilma u l-konnessjonijiet tad-djar, tisħiħ f'sistema għal ġbir ta' ilma tax-xita, tiġdid tan-network ta' telekomunikazzjoni taħt l-art u mogħdijiet ġodda. Bħalissa għaddej proċess metikoluż biex nippreservaw fdalijiet arkeoloġiċi f'partijiet tat-triq, u wara xħin jiġi konkluż dan ix-xogħol tibda l-ħidma biex tibda l-formazzjoni tal-wiċċ ġdid bl-asfalt.

Seduta 171
14/11/2023

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - RIĊEVIMENT**

**13315. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa r-riċeviment li kien organizzat mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fit-38 sular tal-bini magħruf bħala The Gherkin ġewwa Londra, fl-okkażjoni tal-World Travel Market, nhar it-Tlieta 7 ta' Novembru 2023? Jista' jgħid min kien mistieden u x'kien l-għan li ried li jintlaħaq?

08/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma l-Onor. Interpellant li l-avveniment organizzat ġewwa s-sit imsemmi, li sewa £30,262 (kollox inkluż) hu avveniment annwali fejn l-MTA tieħu l-okkażjoni biex tlaqqa' stakeholders strateġiċi mir-Renju Unit, pajjiżi oħra Ewropej u l-Amerka b'mod informali ma' ażjendi Malti li jkunu preżenti għal din il-fiera, kif ukoll mat-tim tal-Awtorita' inkluż il-membri tal-Uffiċċju tal-Ingilterra li jkunu qegħdin jattendu WTM. Dan l-avveniment iservi wkoll, fost oħrajn, sabiex jiġu rikonoxxuti l-isforzi u t-tragwardi li ntlaħqu mill-MTA permezz tal-uffiċju ġewwa Londra flimkien mal-operaturi turistiċi u l-linji tal-ajru li jtiru lejn Malta mir-Renju Unit. Din is-sena l-uffiċju tal-MTA ġewwa Londra kien strumentali sabiex ikollna l-għola load factors fuq it-titjiriet lejn pajjiżna permezz ta' kampanji strateġiċi ta' marketing. Dan is-suċċess ġie rikonoxxut mill-istakeholders fir-Renju Unit fejn ivvutaw lill-uffiċċju tal-MTA ta' Londra għal Star tourist Office team fi Travel Bulletin Star Awards.
Din hi turija ċara li l-politika tal-amministrazzjoni preċendenti, ċjoe' dik li tagħlaq l-uffiċċji tal-MTA f'pajjiżi barranin, kienet ibbażata fuq strateġija medjokri li kienet ser twassal għal telf bla preċedenti ta' turiżmu lejn il-gżejjer Maltin.

Seduta 171
14/11/2023

**AZJENDI LI JIMPJEGAW PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**13320. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm azjendi li impjegaw persuni b'diżabilità għas-sena 2021, 2022 u 2023? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm azjendi li ddeċidew li minflok jimpjegaw persuni b'diżabilità, iħallsu l-ħlasijiet li tistabilixxi l-liġi f'dawn iċ-ċirkostanzi għal kull waħda minn dawn is-snin?

09/11/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li f' Diċembru 2021 kien hemm 1,971 kumpanija jimpjegaw persuni b'dizabilità, f' Diċembru 2022 kien hemm 2,213-il kumpanija u sal-aħħar ta' Mejju 2023 kien hemm 2,304 kumpaniji. L-aħħar ċifri ppubblikati huma ta' Mejju 2023.
Biex jitnaqqas il-piz minn fuq l-kumpaniji, kkawzat mill-pandemija COVID-19, fl-2021 (sena ba¿i 2020), 2022 (sena bazi 2021) u 2023 (sena bazi 2022) Jobsplus ma' ħarġitx talbiet biex tiġbor il-kontribuzzjonijiet mingħand dawk il-kumpaniji li ma kienux konformi ma' din il-liġi.

Fl-aħħar tal-2020 kien hemm 639-il kumpanija li ma kienux konformi mal-kwota t'impiegi ta' persuni b'dizabilità, fl-2021 kien hemm 633, filwaqt li fl-2022 kien hemm 778.

Fl-2024 Jobsplus ser toħroġ talbiet biex tiġbor il-kontribuzzjonijiet mingħand dawk il-kumpaniji li ma jkunux konformi ma' din il-liġi sal-aħħar tal-2023.

Seduta 171
14/11/2023

**TAX CREDIT GĦAL TERAPIJA TA' TFAL B'DIŻABILITÀ**

**13321. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ġenitur ibbenefika mit-tax credit għal terapija ta' tfal b'diżabilità matul is-sena 2023?

09/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 171
14/11/2023

**L-IMQABBA – APPLIKAZZJONI GĦAL IMPJANT**

**13322. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali tal-Imqabba kienx infurmat, u jekk iva kif kien infurmat, dwar l-applikazzjoni PA/06976/21? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm kunsilli oħra jew kumitati reġjonali li kienu informati b'din l-applikazzjoni? Fi kwalunkwe każ, jista' jgħid meta u kif dawn l-entitajiet ġew infurmati?

09/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13120.

Seduta 171
14/11/2023

**KLINIĊI TAL-PSIKJATRIJA – APPUNTAMENTI LI ĠEW IKKANĊELLATI**

**13323. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12762 u jipprovdi tabella li turi b'mod ċar kemm kien hemm appuntamenti li ġew ikkanċellati f'kull waħda mill-kliniċi tal-psikjatrija f'Malta u Għawdex xahar b'xahar, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13121 li għamel hu stess fis-seduta tal-bieraħ.

Seduta 171
14/11/2023

**SPTAR MATER DEI – TIM PSIKJATRIKU RESIDENTI**

**13324. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kif inhu kompost it-tim psikjatriku residenti fl-Isptar Mater Dei, x'inhuma l-ħinijiet li jaħdmu u liema huma r-responsabbiltajiet tagħhom?

09/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13122 li għamel hu stess fis-seduta tal-bieraħ.

Seduta 171
14/11/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - IMPJEGATI**

**13325. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12759 u jippreżenta lista ta' impjegati tal-Awtorità tal-Ippjanar li qegħdin jaħdmu f'Ministeri, entitajiet, aġenziji, dipartimenti jew kumpaniji tal-Gvern, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jelenka kull persuna fejn qiegħda taħdem, ir-rwol li qiegħda tokkupa, minn meta bdiet taħdem, u x'mekkaniżmu ntuża għal ingaġġ fil-post tal-impjieg/rwol kurrenti (on loan, on leave without pay, detailing, secondment, eċċ.)?

09/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 171
14/11/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - ĦLAS LIS-SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI**

**13326. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12758 u jgħid kemm ħallset flus l-Awtorità tal-Ippjanar lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali mill-1 ta' Jannar 2013, maqsuma sena b'sena, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jelenka lista tas-servizzi u spejjeż li ffurmaw dawn l-ammonti, sena b'sena għal kull servizz jew spiża?

09/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13124.

Seduta 171
14/11/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - ŻVILUPPI MHUX KOPERTI B'PERMESS TA' ŻVILUPP - SIT ELETTRONIKU**

**13327. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12635 u cjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12289, jista' l-Ministru jikkjarifika għaliex il-każijiet li mhumiex fuq il-lista, kif ukoll numru kbir ta' każijiet, speċjalment mill-2021 'l hawn, mhumiex aċċessibbli minn fuq is-sit tal-Awtorità tal-Ippjanar?

09/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13125.

Seduta 171
14/11/2023

**APH LIMITED - KUNTRATTI**

**13329. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti u l-ftehim li ġew iffirmati bejn il-Gvern u APH Limited (C 72130), u/jew mal-promoturi tal-istess soċjetà li d-dettalji tagħhom qedin jingħataw separatament mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/11/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**13330. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12640, jista' l-Ministru jikkonferma jekk saritx verifika tad-dokument uffiċjali tal-Ministeru tiegħu, datat 24-28 ta' Lulju 2017, li jikkonferma illi l-persuna inkwestjoni (dettalji mibgħuta separatament) ma tatx informazzjoni korretta lill-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi meta ma semmietx dawk ir-rabtiet azjendali? Jista' l-Ministru jgħid jekk dawk ir-rabtiet inħallux wara li l-persuna inkwestjoni ħadet il-kariga?

09/11/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 171
14/11/2023

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**13331. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ:
B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12638, jista' l-Ministru jagħti d-data tal-ħatra tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Sa meta twassal din il-kariga? Peress li l-Ministru qal li "ma huwiex fil-kompitu tal-Kummissarju Għoli li jwettaq investigazzjonijiet", jista' jgħid x'miżuri ttieħdu biex il-Pulizija ta' Malta tingħata t-tagħrif kollu possibbli? Huwa każ li jiddaħħal l-Interpol?

09/11/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 171
14/11/2023

**ENEMALTA – RATA TA' BEJGĦ GĦAL KULL KWH**

**13340. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 11380 u tagħti break down tar-rata li biha nbiegħ kull kWh li ġġenerat l-Enemalta fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, liema tabella tgħid kemm kien hemm units li ma ġewx billed (mitlufa f'ineffiċjenzi/losses fil-ġenerazzjoni jew sistema ta' distribuzzjoni u/jew misruqa)? Tista' tgħid ukoll b'kemm tħallsu l-units li ġew billed (kemm units tħallsu bl-10c47, kemm units tħallsu bit-12c98, eċċ), possibbilment maqsuma f'tabelli separati għal dawk domestiċi, residenzjali u kummerċjali (non-residential)?

10/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KONSULENTI**

**13341. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12782 rigward kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jipprovdi l-isem u l-kunjom tal-Konsulenti fi Skala 7?

10/11/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li data personali ta’ persuni li jokkupaw karigi inqas mill-iskali ta’ management ma jingħatawx sabiex jitħaddem il-prinċipju tal-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-data u l-interess pubbliku.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KONSULENTI**

**13342. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12783 rigward kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jipprovdi l-isem u l-kunjom tal-Konsulent fi Skala 8?

10/11/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li data personali ta’ persuni li jokkupaw karigi inqas mill-iskali ta’ management ma jingħatawx sabiex jitħaddem il-prinċipju tal-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-data u l-interess pubbliku.

Seduta 171
14/11/2023

**ĦARSIEN TAL-INTERESSI TAT-TFAL**

**13346. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi ġodda kien hemm għal dak li jikkonċerna t-tisħiħ tal-ħidma koordinata bejn il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), id-Dipartiment tas-Saħħa u l-iskejjel, biex jiġi assigurat li jkun hemm passi preventivi biex jiġu mħarsa l-interessi tat-tfal matul l-aħħar tnax il-xahar u x'titjib sar f'dan ir-rigward matul dan il-perjodu?

10/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, l-FSWS ilha tikkopera mal-entitajiet imsemmija għal bosta snin.
Id-Direttorat għall-Protezzjoni tal-Minuri ilu għal bosta snin jaħdem id f’id mal-pedjatri tal-emerġenza tat-tfal, speċjalment fejn jidħlu ka¿ijiet li t-tobba jidhrilhom li l-ġrieħi li jkollhom it-tfal ma jkunux ikkaw¿ati minn aċċidenti ġenwini i¿da b’mod mhux naturali ħalli dawn jiġu investigati.

Hemm ukoll kuntatt dirett u kontinwu mal-iskejjel biex kull fejn jindika li ikun hemm abbu¿ jew traskuraġni fuq it-tfal din tkun investigata. Dan kien possibli li jsir bis-saħħa tal-klawsoli fuq mandatory reporting f’Kap 602 li daħlu fis-seħħ u li qed iwasslu biex id-Direttorat għall-ħarsien tal-Minuri jinvestiga mal-200 kas kull xahar. Din il-ħidma kollha ilha ssir u hija on-going.

Seduta 171
14/11/2023

**ĦARSIEN TAL-INTERESSI TAT-TFAL**

**13347. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi żviluppi ġodda kien hemm għal dak li jikkonċerna t-tisħiħ tal-ħidma koordinata bejn il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), id-Dipartiment tas-Saħħa u l-iskejjel biex jiġi assigurat li jkun hemm passi preventivi biex jiġu mħarsa l-interessi tat-tfal matul l-aħħar tnax il-xahar u x'titjib sar f'dan ir-rigward matul dan il-perjodu?

10/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tispeċifika il-mistoqsija tagħha.

Seduta 171
14/11/2023

**ĦARSIEN TAL-INTERESSI TAT-TFAL**

**13348. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi ġodda kien hemm għal dak li jikkonċerna t-tisħiħ tal-ħidma koordinata bejn il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), id-Dipartiment tas-Saħħa u l-iskejjel biex jiġi assigurat li jkun hemm passi preventivi biex jiġu mħarsa l-interessi tat-tfal, matul l-aħħar tnax il-xahar u x'titjib sar f'dan ir-rigward matul dan il-perjodu?

10/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - UFFIĊĊJU TAS-'SERVIZZ.GOV'**

**13349. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'servizzi ser ikunu qed jingħataw mill-uffiċċju tas-'servizz.gov' li nfetaħ ħdejn il-knisja parrokjali ta' San Pawl il-Baħar u liema minn dawn is servizzi kienu jingħataw mill-istess uffiċċju fil-Qawra? Jista' jgħid ukoll jekk is-servizzi li kienu jingħataw mill-Qawra hux ser jibqgħu jingħataw minn hemm ukoll?

10/11/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li ċ-ċentru reġjonali l-ġdid ġewwa San Pawl il-Baħar jipprovdi firxa estensiva ta' servizzi governattivi, fosthom Sigurtà Soċjali, Taxxa, Anzjanità Attiva, u VAT Grants. Dawn is-servizzi jikkonsolidaw dawk li qabel kienu disponibbli fiċ-ċentru reġjonali tal-Qawra. Bħalissa l-Aġenzija servizz.gov qed twettaq eżerċizzju fost individwi li jżuru ċ-ċentru ta' San Pawl il-Baħar biex tara mil-liema parti tal-lokalità jkunu ġejjin. Mat-tlestija ta' dan l-eżerċizzju, l-Aġenzija tkun f'pożizzjoni aħjar biex tiddetermina l-bżonn jekk iċ-ċentru tal-Qawra għandux jerġa' jiftaħ f'jiem speċifiċi fil-ġimgħa. L-Aġenzija servizz.gov tibqa' kommessa li tissodisfa l-ħtiġijiet taċ-ċittadini billi tipprovdi servizzi governattivi effiċjenti u ċċentrati fuq iċ-ċittadin.

Seduta 171
14/11/2023

**KAŻ TA' INDIVIDWU - INKJESTA**

**13358. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk infetħitx inkjesta fuq il-kawża tal-mewt tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament? Jekk iva, meta nfetħet? Jekk le, hemm ħsieb li din l-inkjesta tinfetaħ?

10/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-każ li semmiet hi qed jiġi investigat.

Seduta 171
14/11/2023

**KUMMISSARJU TAS-SAĦĦA MENTALI - RAPPORTI ANNWALI**

**13359. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport annwali tal-Kummissarju tas-Saħħa Mentali għas-sena 2021 u għas-sena 2022 u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rapporti għadhom ma ġewx ippublikati?

10/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hekk kif ir-rapporti annwali mill-Kummissarju għas-Saħħa Mentali għas-snin 2021 u 2022 jiġu preżentati lili, inpoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 171
14/11/2023

**MEDIĊINI OUT OF STOCK**

**13360. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid min għandu aċċess għal-lista tal-mediċini out of stock? Jista' jgħid ukoll għalfejn tneħħiet is-sistema online li kienet qed tintuża sa ftit xhur ilu?

10/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11535.

Seduta 171
14/11/2023

**SPTAR KARIN GRECH – RAPPORTI TA' BULLYING**

**13361. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk waslulux rapporti ta' bullying tal-istaff fl-Isptar Karin Grech li saru lill-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS)? Jekk iva jista' jgħid x'sar fuq dawn ir-rapporti?

10/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kien hemm każ wieħed ta' bullying u nħareġ warning bil-miktub.

Seduta 171
14/11/2023

**SPTAR MATER DEI - NUQQAS TA' SPIŻJARA SPEĊJALIZZATI**

**13362. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma li fl-Isptar Mater Dei hemm nuqqas serju ta' spiżjara speċjalizzati biex iħalltu l-kimoterapija?

10/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi waqt li fl-Isptar Mater Dei hemm jaħdmu 51 spizjar, hemm 18 il-compounder jagħtu servizz fit-taqsima li semmiet hi.

Seduta 171
14/11/2023

**SPTAR MATER DEI - SPIŻJARA U PHARMACY TECHNICIANS**

**13363. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm spiżjara u pharmacy technicians jaħdmu fl-Isptar Mater Dei u jekk dan in-numru hux biżżejjed biex ilaħħaq mad-domanda tax-xogħol? Jista' jgħid ukoll kemm suppost li jkun l-istaff complement tal-ispiżjara u pharmacy technicians fl-Isptar Mater Dei?

10/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa hemm 83 Spiżjara u Pharmacy Technicians jaħdmu fi ħdan id-Direttorat tal-Farmaċija fl-Isptar Mater Dei.

Seduta 171
14/11/2023

**KAŻ TA' INDIVIDWU - TRASFERIMENT**

**13370. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-raġunijiet għaliex l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament tneħħa mill-kariga tiegħu u safa trasferit għall-Ministeru ieħor?

10/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 171
14/11/2023

**BASTIMENT P-71 – XOGĦOL TA' SALVATAĠĠ ĠEWWA L-LIBYA**

**13371. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ma ntużax il-bastiment P-71 sabiex twassal membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) biex jagħmlu xogħol ta' salvataġġ ġewwa l-Libya u minflok intuża l-bastiment P-61?

10/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-missjoni ta' salvataġġ bla preċedent ġewwa Derna fil-Libja kienet waħda konġunta bejn id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati ta' Malta, fejn dawn il-ħaddiema miż-żewġ korpi dixxiplinanati kienu preparati fi ftit siegħat sabiex jassistu poplu ġar tagħna f'mumenti l-aktar diffiċli, fejn Malta rrispondiet b'assistenza umanitarja mmedjata. It-tim Malti kien jinkludi 31 ħaddiem tal-Protezzjoni Ċivili fosthom infermiera, 12-il membru tal-Forzi Armati ta' Malta li jinkludu tabib, infermiera u 30 suldat ieħor li jiffurmaw l-ekwipaġġ tal-offshore patrol boat. Infurmat illi l-ekwipaġġ tal-lanċa P71 fil-preżent għaddej b'taħriġ estensiv fuq l-istess lanċa.

Seduta 171
14/11/2023

**BASTIMENT P-71 – TENDER BIEX JIĠI FORNUT ID-DIESEL**

**13372. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħariġx tender biex jiġi fornut id-diesel għall-generator li qed jintuża għall-bastiment P-71 u jekk dan id-diesel li jinxtara huwiex issussidjat?

10/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li nħareġ tender u li l-ebda sussidju ma japplika f'dan it-tender.

Seduta 171
14/11/2023

**FAĊILITÀ KORRETIVA TA' KORDIN - SERVIZZI LEGALI**

**13373. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min qed joffri servizzi legali lill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u x'inhuma l-kundizzjonijiet/remunerazzjoni li tingħata għall-għoti ta' tali servizz?

10/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi tirċievi assistenza legali mill-Avukat tal-Istat u wkoll għandha kuntratt għal servizz legali ma' Mifsud Advocates. Għal dan is-servizz l-Aġenzija tħallas €30.00 fis-siegħa sa massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa.

Seduta 171
14/11/2023

**CPD – SERVIZZI LEGALI**

**13374. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min qed joffri servizzi legali lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) u x'inhuma l-kundizzjonijiet/remunerazzjoni li tingħata għall-għoti ta' tali servizz?

10/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jagħmel użu mill-għajnuna legali provduta mill-Avukat tal-Istat.

Seduta 171
14/11/2023

**LESA – SERVIZZI LEGALI**

**13375. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid min qed joffri servizzi legali lil-LESA u x-inhuma l-kundizzjonijiet/remunerazzjoni li tingħata għall-għoti ta' dawn is-servizzi legali?

10/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - KORSIJIET**

**13377. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fid-dipartimenti u l-uffiċji kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li qed jagħmlu kors fl-Università ta' Malta jew li qed jagħmlu kors online ma' Università barranija separatament minn xulxin u x'korsijiet qed jagħmlu? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-grad ta' kull impjegat u jekk id-dipartiment jew l-uffiċċju kkonċernat huwiex qed jagħti xi forma ta' għajnuna?

10/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellanta li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - TENDERS**

**13378. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'tenders ħarġu mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment jew entità li jaqgħu taħt id-deskasteru tiegħu fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, separatament minn xulxin u jagħti d-dettalji kollha dwarhom? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm tenderers għal kull tender u favur minn ġie aġġudikat kull tender?

10/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellanta, li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – DIRECT ORDERS**

**13379. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment jew entità li jaqgħu taħt id-deskasteru tiegħu fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, separatament minn xulxin u jagħti d-dettalji kollha dwarhom?

10/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 171
14/11/2023

**SUSSIDJU GĦAL STAIRLIFT**

**13380. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-persuni li bbenefikaw minn sussidju għal stairlift bejn l-2013 u l-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

10/11/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Total Stairlifts |
|---|---|
| 2013 | 55 |
| 2014 | 103 |
| 2015 | 87 |
| 2016 | 136 |
| 2017 | 112 |
| 2018 | 129 |
| 2019 | 139 |
| 2020 | 165 |
| 2021 | 183 |
| 2022 | 152 |
| 2023* | 72 |

* sat-13 ta' Novembru 2023

Seduta 171
14/11/2023